MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-28 ta' April, 2005

Numru 114/2005

Il-Pulizija
(Sp Kevin Farrugia)
vs
Paul Cost Agius, iben
Eugenio, imwieled Pieta'
fit-12 ta' settembru, 1983

Il-Qorti,

Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fis-26 ta' ottubru, 2004 għal ħabta tas-6.00 p.m. ġewwa Triq F.X. Zahra, Balzan u f'dawn il-Gżejjer ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Martin Schembri, skond kif iċċertifika Dr. A. Zerafa (Dipartiment tal-ENT) ta' l-isptar San Luqa.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna ta' Martin Schembri

bil-kondizzjonijiet li jidrilha xieraq skond l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' april, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjujba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' april, 2005 fejn il-parte ċivile ħafret lill-imputat.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 216(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------